MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Numru. 452/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Simon Zammit**

**Illum 28 ta' Frar 2012**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Simon Zammit, bin George u Lydia neé Coppini, imwieled fid-19 ta' Ottubru 1970 u residenti fil-fond 'Narcis', Triq il-Hamri,

Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 61270(G), akkuzat talli;

B'ittra ppubblikata fil-gurnal 'The Times' fl-14 ta' Mejju 2010 bl-isem 'Ruined Ghajnsielem Belvedere' immalafama u ngurja lil Silvio Rapa billi fost affariiet ohra allega illi l-Grand Hotel ikkappara parti mill-bevedere kif ukoll illi l-istess Silvio Rapa qala' minn fuq il-belvedere plakka li tikkommemora l-inawgurazzjoni tal-belvedere fis-snin sittin;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat**

Illi mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, jirrizulta li l-kwerelant Silvio Rapa hassu malafamat u ingurjat b'dak li kien kiteb l-imputat fl-edizzjoni tal-harga tat-Times of Malta tal-14 ta' Mejju 2010, u dana b'mod partikolari meta l-imputat kiteb is-segwenti :

*< I have in mind the annexation of pubic land by the Grand Hotel at Ghajnsielem Belvedere >*

U

*< Part of it (belvedere) had been taken over by the Grand Hotel, destroying an accessible ramp in the process and removing a historic plaque commemorating the inauguration by then the Prime Minister George Borg Olivier in the 1960s >,*

Illi filwaqt li l-kwerelant jsostni li m'huwiex minnu li l-Grand Hotel hadet parti mill-belvedere u li l-plakka in kwistjoni kienet giet maqlughha mill-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, l-imputat jghid li huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li b'xi mod jingurja jew jimmalafama lil xi hadd. L-imputat jsostni li dak li kiteb fl-ittra msemmija kienu ghadhom jghoddu sa dakinhar li huwa xehed f'dawn il-proceduri, cioe' fis-7 ta' Frar 2012.

Illi rrizulta li l-imputat kien mxebba bl-inkonvenjent li kienu qeghdin joholqu x-xoghlijiet fil-lukanda msemmija u li, skont hu, dak li kien belvedere issa sar rovina.

Illi l-Qorti semghet lil Frank Mizzi, ir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Artijiet, jixhed rigward il-fatt li hemm dizgwit bejn id-Dipartiment u l-lukanda msemmija tant li nfethet kawza civili mid-Dipartiment kontra l-kwerelant.

Illi xehdu persuni ohra, fosthom il-Perit Joe Falzon u kif ukoll Ray Bugeja, editur tal-gazzetta < The Times >.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi mismugha ma jirrizultax li l-kontenut tal-ittra miktuba mill-imputat fil-harga tal-gazzetta < The Times > tal-14 ta’ Mejju 2010 kien b’xi mod jingurja jew jimmalafama lill-kwerelant. Dak li nghad fl-ittra jikklassifika bhala < fair comment > ;

Ghaldaqstant, peress illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma tirrizultax, il-Qorti tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------